32002R0336

23.2.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 53/11

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 336/2002

## tat-22 ta' Frar 2002

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 805/1999 li li jistabbilixxi ċerti miżuri għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 fuq il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 tad-29 ta' Marzu 1999 fuq il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 718/1999 jistipula li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-politika tal-kapaċità tal-flotta tal-Komunità kif imfissra f'dak ir-Regolament.

(2) L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 805/1999 ([2]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 997/2001 ([3]), li jistipula ċerti miżuri għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 718/1999, jiffissa l-proporzjonijiet biex tkun tista' tapplika r-regola tal-"qadim għall-ġdid" mid-29 ta' April 1999.

(3) L-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 718/1999 jeħtieġ li l-proprozjon tal-"qadim għall-ġdid" għandu jkun imnaqqas kostantement biex jinġieb kemm jista' jkun malajr u fi stadji regolari għall-zero mhux aktar tard mid-29 ta' April 2003.

(4) L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1532/2000 ([4]) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 805/1999 naqqas il-proporzjonijiet tal-"qadim għall-ġdid" sa mill-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom, jiġifieri mit-3 ta' Awissu 2000. Reġgħu ġew imnaqqsa bl-Artikoli 1 tar-Regolament (KE) Nru 997/2001, sa mill-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom, jiġifieri mit-18 ta' Ġunju 2001.

(5) Minħabba l-obbligazzjoni li jitnaqqsu l-proporzjonijiet għal zero mhux aktar tard mid-29 ta' April 2003 u x-xejra ekonomika fid-diversi setturi tas-suq fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni l-proporzjonijiet tal-"qadim għall-ġdid" għandhom jerġgħu jitnaqqsu.

(6) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu aġġustati d-diversi proporzjonijiet tal-"qadim għall-ġdid" imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 718/1999 u stabbiliti mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 805/1999, kif emendat bl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 997/2001, iżda mingħajr ma jiġu annullati l-kisbiet tat-titjib strutturali mwettaq sa mill-1990. Biex jittieħed kont taż-żieda ġenerali żgħira fit-talba fis-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni waqt li jinżamm il-bilanċ bejn it-tliet setturi, u waqt li jittieħed kont tal-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, il-proporzjonijiet għandhom jitnaqqsu bin-nofs għal 0,30:1 għal trasportaturi tal-merkanzija, 0,45:1 għal bastimenti li jġorru ż-żejt, u 0,125:1 għall-vapuri ta' l-irmonk.

(7) Ġie konsultat il-Grupp ta' Esperti fuq il-Kapaċità tal-Flotot tal-Komunità u l-Politika ta' Promozzjoni stabbilit permezz ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 805/1999 fuq il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *L-Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 805/1999 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 4(1), il-proporzjon "0,60:1" huwa mibdul bi "0,30:1";

2. fl-Artikolu 4(2), il-proporzjon "0,90:1" huwa mibdul bi "0,45:1";

3. fl-Artikolu 4(3), il-proporzjon "0,25:1" huwa mibdul bi "0,125:1";

### *L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

([1]) ĠU L 90, 2.4.1999, p. 1.
([2]) ĠU L 102, 17.4.1999, p. 64.
([3]) ĠU L 139, 23.5.2001, p. 11.
([4]) ĠU L 175, 14.7.2000, p. 74.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Frar 2002.

*Għall-Kummissjoni*

Loyola DE PALACIO

*Viċi-President*